**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**David Debono**

**Andrew Debono**

**Kumpilazzjoni Numru: 128/16**

**Illum, is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **David Debono** detentur tal-karta tal-identità numru 85259M u **Andrew Debono** detentur tal-karta tal-identità b'numru 202585M akkuzati talli f'isimhom propju u/jew

bhala rapprezentanti legali (ai termini tal-artikolu 121D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) ta' *D. Holdings & Investments Ltd.* (C-44561) u/jew bhala sidien tal-bastiment tas-sajd *Rosnik* (MFA 6017) f'dawn il-Gzejjer, f' **Gunju 2014** u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz;

2. Talli Xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

3. Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jewpersuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa;

4. Kissru sigill imwahhal b'ordni tal-awtorità pubblika;

**Fuq talba tad-Direttur Generali tas-Sajd u Akkwakultura**

5. Bejn it-2 ta' Gunju 2013 u s-16 ta' Gunju 2014, f'diversi okkazjonijiet, ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4

tal-L.S. 425.08 li jwassal ghal reat ta' xorta gravi u dan minhabba li l-gurnal ta' abbord tas-sajd fuq il-karta kien kompletat skorrettament u kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33 tar-*REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati ghall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll ghall-izgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd* (hawn aktar 'l quddiem "*Regolament 404/2011*");

6. Bejn il-15 ta' Mejju u l-21 ta' Mejju 2014 u bejn 10 ta' Gunju u s-16 ta' Gunju 2014, fuq il-bahar u bil-bastiment tas-sajd Rosnik MFA6017, ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4 tal-L.S. 425.08 li jwassal ghal reat ta' xorta gravi u dan minhabba li l-gurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku ma kienx kompletat tempestivament u korrettament bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15 tar-*REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll ghall-izgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2022, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jhassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94, (KE) Nru 1966/2006* (hawn aktar 'l

quddiem "*Regolament 1224/2009*") u tal-Artikolu 47 tar-Regolament 404/2011;

7. F'diversi okkazjonijiet li jmorru lura sal-bidu tas-sena 2013 u fix-xhur u s-snin ta' wara, fuq il-bahar u bil-bastiment tas-sajd *Rosnik* MFA6017, ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4 tal-L.S. 425.08 li jwassal ghal reat u dan minhabba li s-sistema tal-VMS ma kienitx tahdem kif titlob il-ligi f'diversi okkorrenzi u dan bi ksur tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament 404/2011 tal-Unjoni Ewropea;

8. F'diversi okkazjonijiet li jmorru bejn 13 ta' Novembru 2013 u s-16 ta' Gunju 2014, bi ksur tal-artikolu 29 (2)(b) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta talli nghata taghrif falz fir-rigward tad-dettalji fil-gurnal ta' abbord tas-sajd, tal-*vouchers* tal-bejgh fil-Pixkerija u tal-karti tal-bejgh dirett li jigu sottomessi lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-ligi;

9. Talli fid-data tas-16 ta' Jannar 2014 jew fi zmien ta' qabel, gie miksur sigill imqieghed bl-awtorità tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fuq l-unità tas-sistema monitoragg tal-bastimenti abbord il-bastiment tas-sajd Rosnik MFA6017 u dan bi ksur tal-artikolu 142 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Talli hut maqbud mill-bastiment tas-sajd Rosnik MFA6017 jew mizmum abbord l-istess bastiment ma giex imnizzel l-art u kummercjalizzat ghall-ewwel darba f'port dezinjat bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4 tal-L.S. 425.08 li jwassal ghal reat u dan minhabba ksur tal-Artikolu 22 tar-*REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1967/2006 tal-21 ta' Dicembru 2006 dwar mizuri ta' gestjoni ghall-isfruttament sostenibbli ta' rizorsi tas-sajd fil-Bahar Mediterran u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u r-Regolament (KE) Nru 973/2001 u jhassar ir-Regolament (KE) Nru 1626/04* (hawn aktar 'l quddiem "*Regolament 1967/2006*").

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 35(1) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tal-garanziji dovuti u taz-zamma tal-bastiment tas-sajd.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat il-fedina penali tal-imputati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena 2016 fejn taw il-kunsens taghhom sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha kif ukoll it-trattazzjoni ta' bejn il-partijiet;

IKKUNSIDRAT

Illi semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Jonathan Ferris** li pprezenta c-certifikati tat-twelid tal-imputati, il-fedini penali tal-imputati, il-kunsensi tal-Avukat Generali, id-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali tal-imputat David Debono kif ukoll ta' Andrew Debono, u l-istqarrijiet tal-imputati. Jghid li kien hareg l-ewwel erba' (4) akkuzi filwaqt li fuq talba tad-Direttur tas-Sajd u l-Akwakultura kien zied l-akkuzi numerati hamsa (5) sa ghaxra (10).

Xehed **Randal Caruana** li jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-Sajd fid-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura li pprezenta denunzja tat-

tmienja (8) ta' April tas-sena 2016. Jghid li hu ma kienx involut fl-ispezzjonijiet li saru izda hejja d-denunzja fuq dak li seta' jistabbilixxi mir-rapporti li saru. Jispjega li skont il-ligi tal-Unjoni Ewropea kull sajjied li jkollu bastiment minn tnax-(12) il metru l-fuq irid ikollu logbook*.* Izid jghid ukoll li sajjied irid ikollu sistema tal-VMS, jispjega li dan ikun apparat ta' moniteragg u dan bl-ghan li d-direttorat ikun jaf fejn qieghed il-bastiment. Dan l-apparat fil-fatt jibghat sinjal kull saghtejn u li minn certu spezzjonijiet li ghamlu sabu li din is-sistema li tappartjeni lill-imputati ma kinitx qieghda tahdem. Jghid ukoll li jekk tali apparat jieqaf jahdem huwa obbligu tal-kaptan tal-bastiment li jikkuntattja lil *Fisheries Monitoring Centre* kull erba' (4) sighat u jipprovdi l-pozizzjoni geografika tieghu.

Jixhed ukoll li punt iehor li qajjem fid-denunzja hu dak ta' taghrif falz stante li mir-rapport li saru kienu nstabu vouchers tal-Pixkerija u tal-bejgh gol-gurnal abbord il-bastiment. Jghid li l-ammonti mnizzlin ma kinux qeghdin jikkombacu ma' dak li kellhom. Ikompli jghid li punt iehor li tnizzel fid-denunzja jittratta dwar il-fatt li s-sigill fuq l-appart tal-*VMS* kien maqlugh u li l-istess apparat kien mitfi. Jghid li s-sitt (6) rapport kien rigward

obbligu li kaptan ta' bastiment ikollu jittrasporta l-qabda tieghu gol-port destinat fejn hemmhekk jinhatt u dan skont ligi tal-Unjoni Ewropea. Jghid ukoll li l-kaptan abbord il-bastiment ma kellux licenzja u li anke ma ngarrx hut skont il-licenzja li nghatat.

Xehed ukoll **Gilbert Balzan** li jokkupa l-kariga ta' *Senior Fisheries Protection Officer* gewwa d-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura. Jghid li hu u l-ufficcju tieghu kienu gew avvicinati sabiex jaghmlu spezzjoni meta kien diehel il-bastiment bl-isem ta' *Rosnik*. Jghid li dakinhar tal-ispezzjoni kienu hu, certu Martin Seguna u Christopher Sciberras. Jghid ukoll li l-ispezzjoni fuq il-bastiment saret gewwa l-Marsa. Irrizultalu fost ohrajn li l-logbook elettroniku ma kienx qieghed jithaddem izda logbook manwali. Jixhed ukoll li nstabet diskrepanza bejn l-ammont ta' hut li nstab abbord u l-ammont li tnizzel fuq il-logbook. Jghid li tali diskrepanza kienet tali mod li l-imputati ddikjaraw iktar hut milli kellhom. Jghid ukoll li meta saqsa lil David Debono dwar fejn qeghdin il-hutiet iddikjarati hu qallu li nbieghu fuq il-bahar. Izid jghid ukoll li l-logbook elettroniku ma kienx qieghed jittrasmetti u r-raguni li nghatalu mill-imputat kien li ma kinux jafu kif ihaddmu tali apparat.

Jghid ukoll li d-dokumenti esebiti a fol. 324 u 325 tal-atti processwali huwa rapport addizzjonali li hejja wara spezzjoni tieghu fl-ewwel (1) ta' April tas-sena 2014 fuq il-bastiment *Rosnik*. Jgharaf il-firma tieghu, ta' Marvin Seguna u ta' Christopher Sciberras. Jikkonferma li d-dokument esebit a fol. 79 tal-atti processwali u jghid li kien wettaq *cross-check procedure* fejn kien sab li l-logbook ma kienx mimli sew. Izid jghid li jikkonferma x-xhieda tieghu a fol. 356, 422 u 441 tal-atti processwali li jirrelataw mal-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Sakka Said Tel Atif Mohammed.

Xehed l-**Ispettur Sean Scicluna** li kkonferma r-rifjut tal-parir legali tal-imputati. Jghid li fuq tali rifjut qieghed jaghraf il-firma tieghu fejn dak iz-zmien kien bid-dezinjazzjoni PS782, il-firem tal-imputati kif ukoll tal-Ispettur Jonathan Ferris. Jghid ukoll li gharaf l-imputati.

Xehed **Gejtu Cassar** li jghid li hu jokkupa l-kariga ta' *Fishing Protection Officer*. Jghid li fis-sittax (16) ta' Gunju tas-sena 2014 kien inkarigat sabiex iwettaq *landing inspection* fuq il-bastiment *Rosnik*. Tali spezzjoni sehhet gewwa l-Port tal-Marsa. Izid jghid li t-terminu *"landing"* jalludi ghall-hut li ser jingarr minn fuq

bastiment ghal gewwa lokalità jew inkella l-Pixkerija. L-ispezzjoni tkun fis-sens li l-logbook ikun jikkombaci ma' dak li jinstab gol-bastiment ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' speci ta' hut. Jixhed li fil-kaz in ezami l-ispeci ta' hut li kienu mnizzlin fil-*logbook* ma qablux mal-hut prezenti fuq il-bastiment. Fil-fatt jghid li kien hemm inqas hut milli kien hemm dikjarat fuq il-*logbook*. Izid jghid li meta saqsa lis-sid tal-bastiment dwar dan, l-istess sid qallu li r-raguni ewlenija kien minhabba bejgh dirett li sehh fuq il-bahar. Jghid ukoll li sid il-bastiment dakinhar kien l-imputat Andrew Debono. Jixhed ukoll li t-tip ta' hut li l-imputati kienu bieghu kienu accettabbli u setghu jinbieghu.

Izid jghid li jikkonferma d-dokumenti esebiti a fol. 385 et sequitur. Jispjega li fost dawn id-dokumenti hemm esebit il-*landing declaration* li jelenka l-hut li nstab fuq il-bastiment bl-isem *Rosnik* datata sittax (16) ta' Gunju 2014. Jghid ukoll li d-dokument esebit a fol. 389 hija dikjarazzjoni ffirmata minnu stess fejn hemm dettaljat li kien sab diskrepanza fl-ammont ta' hut li nstab fuq l-istess bastiment u dak dikjarat mill-Kaptan. Jgharaf lill-imputati bhala sidien il-bastiment mertu tal-kawza.

Xehed **Melvin Fenech** li jokkupa l-kariga ta' Spettur gewwa d-Dipartiment tal-*Fisheries*. Jghid li fit-tlieta (3) ta' Awwissu fis-sena 2015 kien wettaq *landing inspection* fejn dan irrizulta li l-*logbook* elettroniku ma kienx mimli kif suppost. Jghid ukoll li skont ir-rapport li kien hejja rrizulta li l-imputati kellhom iktar hut minn dak li gie dikjarat fuq il-*logbook* elettroniku. Jghid li dakinhar tal-ispezzjoni kien hemm prezenti l-Kaptan certu Ahmed El Saka kif ukoll sid il-bastiment u cioè l-imputat David Debono.

Ikompli jixhed li meta staqsa fejn qieghed il-kumplament tal-hut gie spjegat li ftit mill-qabda nbieghet minn bejgh dirett qabel ma acceda fuq il-post. Jghid li tali bejgh suppost kellu jkun irregistrat u mghoddi lid-Dipartiment izda dan ma sehhx. Jghid li r-raguni li nghata ghall-fatt li nstab iktar hut minn dak indikat mil-*logbook* stante li ma kinux jafu kif juzaw tali *logbook* elettroniku. Jikkonferma li dawn id-domandi saru lill-Kaptan u ma jiftakarx jekk qattx kien kellem lill-imputati. Izid jghid li d-diskrepanza skuzabbli bejn dak li jigi registrat manwalment u dak registrat elettronikament hu biss dak ta' ghaxra fil-mija (10%). Jghid li fil-fatt dan gie maqbuz.

Jixhed ukoll li l-*landing sheet* esebit a fol. 337 u 339 tal-atti processwali jirrelata ghall-bastiment bl-isem *Rosnik*. Jikkonferma wkoll li hemm prezenti l-firma tieghu fuq l-istess dokument. Jikkonferma x-xhieda tieghu a fol. 413 u 414 tal-atti processwali li sehhet fil-kawza Pulizija vs Sakka Said Tel Atif Mohammed.

Xehed **Marvin Seguna** li jokkupa l-kariga ta' *Chief Fishery Protection Officer* gewwa d-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura. Jghid li hu kien mghajjat ma' ohrajn biex iwettqu spezzjoni ta' rutina fuq il-bastiment bl-isem ta' *Rosnik* gewwa l-Marsa. Jghid li tali spezzjoni sehh fl-ewwel (1) ta' April tas-sena 2014. Izid jghid li gie nnutat f'din l-ispezzjoni li l-*logbook* manwali ma kienx mimli kif suppost. Jispjega li d-dati kollha ta' fejn stad kif ukoll il-pozizzjonijiet geografici ta' fejn stad kienu vojta. Izid jghid li dan il-*logbook* irid jintela kuljum. Prezenti ghal din l-ispezzjoni kien hemm il-Kaptan u l-imputat David Debono.

Ikompli jixhed li l-*logbook* manwali kien monk minn certu dettalji bhal perezempju fejn inqabbdu l-hut, il-gurnata li sehh is-sajd, f'liema hin inqabdu l-hut u f'liema zona. Jghid però li l-ammont ta' hut kien imnizzel. Jghid li dan kien bejn il-hmistax (15) ta' Marzu

u l-ewwel (1) ta' April tas-sena 2014. Jghid li l-ispjegazzjoni li nghatalu mill-Kaptan u s-sid tal-bastiment ghal dan in-nuqqas ma kienet xejn partikulari hlief li ma mlewx dan il-*logbook*. Jispjega li n-nuqqas ta' mili tal-*logbook* huwa ksur tar-regolamenti stabbiliti fil-Ligijiet ta' Malta u li tali Ligi tobbliga lill-Kaptan biex jimla dan il-*logbook* kuljum qabel nofsillejl.

Jikkonferma rapport addizzjonali esebit a fol. 324 u 325 tal-atti processwali rigward il-bastiment *Rosnik* li sehh fl-ewwel (1) ta' April tas-sena 2014. Jikkonferma wkoll il-firma tieghu fuq tali rapport. Izid jghid li x-xhieda tieghu moghtija fil-kawza Pulizija vs Sakka Said Tel Atif Mohammed li hija esebita a fol. 495 sa 498 tal-atti processwali.

Xehed **Christopher Sacco** bil-lingwa Ingliza u li jokkupa l-kariga ta' *Senior Fisheries Protection Officer* gewwa l-*Fisheries Office*. Jghid li kien wettaq zewg (2) rapporti. Rapport minnhom ikkonsista fil-fatt li fil-perjodu ta' bejn l-ghaxra (10) ta' Jannar 2014 sas-sittax (16) ta' Jannar 2014 il-bastiment *Rosnik* bin-numru MFA6017 kellha l-*VMS* taghha li ma kinitx qieghda tittrasmetti informazzjoni. Jixhed li l-*VMS* hija sistema ta' sorveljanza li l-

ufficcju tieghu tuza sabiex ikollha informazzjoni dwar bastiment. Izid jghid li meta ndunaw li ma kinux qeghdin jircievu sinjal mill-*VMS* hu baghat tekniku sabiex jispezzjona l-bastiment u rrizulta li l-*VMS* kien mitfi u s-sigill maqlugh. Jixhed ukoll li l-isem tat-tekniku huwa certu Martin Scicluna mill-kumpanija *Locus Techtonics*. Jghid ukoll li sabiex titfi l-*VMS* wiehed ikollu jaqla' s-sigill minn fuq il-buttuna. Jikkonferma li hu ma kienx kellem lis-sidien tal-bastiment. Izid jghid li meta ndunaw li l-*VMS* seta' kien mitfi kienu kkuntattjaw lill-imputat David Debono dwar dan l-izvilupp u l-istess imputat kien qieghed jipprova jikkuntattja lill-Kaptan tal-bastiment.

Jghid ukoll li t-tieni (2) rapport li kien wettaq kien rigward avveniment li sehh fil-hdax (11) ta' Awwissu tas-sena 2015 meta gie nnutat tramite l-*VMS* tal-bastiment *Rosnik* bin-numru MFA6017 li tali bastiment kien qieghed madwar sitt (6) jew seba' (7) mili nawtici mill-kosta tal-Libja. Jghid li tali rregolarità giet irrappurtata lill-*AFM*. Jixhed li l-irwol tieghu kien li jinforma lill-*AFM*.

Xehed **Joseph Gatt** li jokkupa l-kariga ta' *Fishery Protection Offcer* gewwa l-Ghammieri. Jixhed li hu mar jaghmel *landing inspection* fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena 2014 u sab li l-hut li marru jaraw fil-friza tal-bastiment tal-imputati ma kienx qieghed jikkombacja ma' dak imnizzel fuq il-*logbook*. Tali bastiment kien ir-*Rosnik* bin-numru MFA6017. Jghid li dakinhar tal-ispezzjoni kien hemm prezenti l-Kaptan u l-bahrin. Jixhed li l-mod kif tahdem il-*landing inspection* hija li meta bastiment jidhol lura l-Kaptan jew is-sid jikkuntattjaw l-ufficcju tal-*Fisheries* sabiex jinfurmahom li ser ihottu l-hut.

Ikompli jghid li meta wettaq l-ispezzjoni u xtaq spjegazzjoni ghalfejn kien hemm diskrepanza bejn dak imnizzel fil-*logbook* u l-hut li nstab fuq id-dghajsa, il-Kaptan spjega li biegh ammont tal-hut fuq il-bahar. Jghid li tali spezzjoni giet redatta f'rapport fejn gie indikat diskripanzi ta' x'instab fuq il-bastiment u x'kien elenkat fil-*logbook*. Izid jghid li gharaf l-imputati. Jikkonferma x-xhieda tieghu moghtija fil-kawza Pulizija vs Sakka Said Tel Atif Mohammed a fol. 500 sa 516 tal-atti processwali. Jikkonferma wkoll li d-dokument a fol. 516 tal-atti processwali huwa *landing sheet* u li kien xhud ma' Gary Caruana. Tali dokument jikkoncerna

l-bastiment *Rosnik.* Jikkonferma li jgharaf lill-imputati bhala sidien tal-istess bastiment.

Xehed **Martin Scicluna** li jghid li xoghlu hu li jwahhal il-*VMS* u li jwettaq spezzjonijiet fuq kwalunkwe hsarat tal-istess *VMS*. Jghid li fis-sittax (16) ta' Jannar tas-sena 2014 hu wettaq spezzjoni gewwa l-bastiment bl-isem *Rosnik*. Jghid li tali spezzjoni kienet rigward il-*VMS* tal-istess bastiment. Jixhed li *VMS* jaf ikun fi kwalunkwe parti tal-*wheel house* tal-kabina ta' bastiment. Jispjega li dan l-apparat jibghat sinjal kull saghtejn generalment. Jghid li f'din l-ispezzjoni partikolari l-unika haga li rrizultalu kienet l-isticker li ssoltu jitwahhal mid-Dipartiment tas-Sajd kien maqlugh. Jghid ukoll li jaf min huma s-sidien tal-bastiment mertu tal-kawza mill-wicc taghhom u li di fatti gharafhom in awla bhala imputati.

Xehed **Robert Borg** li jghid li huwa jahdem bhala ufficjal fid-Dipartiment tas-Sajd. Jghid li fil-hamsa (5) ta' Settembru tas-sena 2014 hu u l-kollega tieghu Melvin Fenech wettqu spezzjoni ta' hatt tal-hut fuq il-bastiment *Rosnik* bin-numru MFA6017. Wara li spezzjona l-hut li kien hemm fuq il-bastiment hu kkumpara l-ammonti ma' dak indikat fuq il-*logbook* fiziku. Jixhed li kien hemm

diskrepanza kbira. Jghid ukoll li kien hemm prezenti waqt l-ispezzjoni sid il-bastiment u cioè l-imputat David Debono. Jghid li meta saqsa lill-imputat rigward il-hut li ma nstabx fuq il-bastiment huwa wiegeb li kienu bieghu l-istess hut fuq il-bahar. Izid jghid li l-anqas ktieb tal-bejgh ma kellu fuqu stante li l-unika kopja li kellu taritlu bir-rih. Jispjega li biex bastiment ibiegh lil bastiment iehor fuq il-bahar dan irid isir bil-permess tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd.

Xehed **Clayton Debono** li jghid li jahdem fid-Dipartiment tas-Sajd. Jghid li fis-sittax (16) ta' Gunju tas-sena 2014 kien il-*Landing Officer* u li xoghlu dakinhar kien li jassisti lil certu Gaetano Cassar meta sehhet spezzjoni fuq il-bastiment *Rosnik* bin-numru MFA6017. Jghid li hu nizzel x'instab fuq tali bastiment. Jghid li hu jaf min huma s-sidien tal-bastiment u cioè l-imputati.

Xehed **Gary Caruana** li jokkupa l-kariga ta' *Fisheries Production Officer*. Jghid li hu wettaq spezzjoni fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju tas-sena 2014 bl-intendiment li jara x'kien hemm hut abbord il-bastiment bl-isem ta' *Rosnik* bin-numru MFA6017. Izid jghid li waqt din l-ispezzjoni kien hemm prezenti l-Kaptan bl-isem

ta' Atif Muhammed El Sata flimkien ma' sid il-bastiment l-imputat David Debono. Jghid li waqt din l-ispezzjoni flimkien ma' kollega tieghu Joseph Gatt sabu xi hut u nizzlu l-ispeci taghhom u l-ammont. Jghid li tali elenku twettaq sabiex jiccekkjaw jekk hemmx qbil mal-*logbook* mizmum fuq il-bastiment. Jghid li meta sar dan l-ezercizzju rrizultalhom li kien hemm nuqqas ta' hut ikkumparat ma' x'kien imnizzel fil-*logbook*. Izid jghid li kien kellem lill-Kaptan dwar din id-diskrepanza u r-raguni li nghatat kienet li sehh bejgh fuq il-bahar. Jghid li l-hut li nstab fuq il-bastiment ittiehed ghand id-Dipartiment tas-Sajd.

Jikkonferma li d-dokumenti esebiti a fol. 319 u 320 tal-atti processwali huma l-*logbook* tal-bastiment *Rosnik* bin-numru MFA6017. Jgharaf u jikkonferma l-firma tieghu fuq l-istess dokumenti. Jikkonferma *logbook* iehor esebit a fol. 326 tal-atti processwali.

Xehed **PL Quentin Tanti** inrapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan il-*Malta Business Registry*. Esebixxa dokumenti dwar is-socjetà bl-isem *D. Holdings Investments Ltd.* bin-numru

C-44561. Jghid li din il-kumpanija giet registrata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena 2008.

Xehed **Michael Savona** inrapprezentanza ta' *Transport Malta* li pprezenta traskrizzjoni ta' registru rigward id-dghajsa bl-isem *Rosnik* u bin-numru ufficjali 12184.

Xehdet **id-Deputat Registratur Joyce Agius** li pprezentat vera kopja tal-process fl-ismijiet Il-Pulizija vs Said Abdel Latif Mohammed Hamda El Sakka li kien presedut mill-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech u deciz fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2017.

Rega' xehed **Gilbert Balzan** riprodott inkontroezami li jghid li l-imputati huma sidien il-bastiment *Rosnik* bin-numru MFA6017. Jghid li n-nuqqasijiet elenkati fid-dokument esebit a fol. 56 u 57 tal-atti processwali kollha jaqghu taht ir-responsibilità tal-*"Master"* tal-bastiment. Izid jghid li l-"*Master*" tal-bastiment huwa l-Kaptan tal-bastiment li ghandu l-jedd li jimla' l-*logbook* u li ghandu jkun prezenti fuq il-bastiment meta jsehhu l-operazzjonijiet tas-sajd.

Rega' xehed **Christopher Sciberras** inkontroezami li jghid li ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tbahhir ta' kwalunkwe bastiment jaqa' taht ir-responsabilità tal-*"Master"* jew il-Kaptan tal-istess bastiment.

Xehed l-**imputat David Debono** li jghid li huwa direttur tal-kumpanija *D. Holding & Investments Ltd* flimkien mal-imputat Andrew Debono. Jghid li tali kumpanija hija sid il-bastiment *Rosnik*. Jghid li tali bastiment huwa wiehed ta' tkaxkir (*"trawler"*) u li l-licenzja li hemm ezistenti hija wahda li tippermetti s-sajd barra mill-hamsa u ghoxrin (25) metru mill-ibhra territorjali. Jghid li rigward kif isir is-sajd fuq dan il-bastiment hu qatt ma jkun prezenti. Jghid li dak iz-zmien li sehhew l-allegati reati kien responsabbli l-Kaptan ta' dak iz-zmien. Jixhed ukoll li waqt li l-bastiment qieghed ibahhar hu bhala sid mhux prezenti fuq il-bastiment jista' jaghti parir lill-Kaptan izda fl-ahhar mill-ahhar il-Kaptan huwa responsabbli. Jghid li fis-snin 2013 u 2014 il-Kaptan tal-bastiment *Rosnik* kien certu Said El Sakka. Izid jghid li a rigward dan il-Kaptan ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu u li tali procedura ntemmet tramite sentenza moghtija minn din il-

Qorti kif diversement preseduta. Jixhed ukoll li hu ilu Direttur tal-kumpanija u sid il-bastiment ghal madwar hmistax (15)-il sena.

## IKKUNSIDRAT

Illi huwa oramaj ben risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Emad Masoud</u> (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

> *"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*
>
> *Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta'*

*Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

*Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta'*

*Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li ma hemmx prova tangibbli u konkreta li l-allegati reati kkommettihom l-imputati odjerni u dan ghaliex jirrizulta li hemm ezisteni diversi inkonsistenzi u nuqqasijiet fil-provi li ngabru mill-prosekuzzjoni u dan kif ser jigi spjegat f'din is-sentenza.

Illi ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tezamina xi provi cirkostanzjali hemm fil-proceduri sabiex tara jekk il-prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha. Illi l-Qrati nostrani huma cari fuq dan is-suggett. Illi skont is-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs**

<u>George Spiteri</u> moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 gie ddikjarat is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill- gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.*

*Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova*

*ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*

Di piu' mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet <u>Pulizija vs Cyrus Engerer</u> (deciza App Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014) gie ppuntwalizzat ukoll illi:

*"...Biex wiehed jistabilixxi jekk il-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-imputati gew akkuzati bl-akkuza ta' dikjarazzjoni falza u dan ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula hekk:

*"Kull min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn jew multa."*

Illi l-imputati gew anke akkuzati bir-reat ta' uzu ta' dokument falz ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula hekk:

*"Kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, u jekk ikun ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impieg tieghu, il-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sena."*

Illi maghdud ma' dan l-imputati gew akkuzati bir-reat hekk sancit fl-artikolu 29 (2)(b) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Kull persuna li -*

*(b) sabiex turi li qed thares htiega biex taghti xi taghraf skont dan l-Att, taghti taghrif li tkun taf li hu falz f'xi punt materjali jew li bi traskuragni taghti taghrif li jkun falz f'xi punt materjali, tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinstab hatja, multa ta' mhux inqas minn erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (465.87)*

*Izda mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37)."*

Illi ghandu jinghad li l-allegat dokument hu fil-fatt il-*log book* li fih ikun hemm dettaljat il-qabda tas-sajd. Dan id-dokument gie pprezentat u kkonfermat fil-proceduri odjerni kif ukoll f'dawk li ntemmu fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena 2017 quddiem il-Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech.

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-prova necessarja biex turi li kienu fil-fatt l-imputati li mlew dokument b'informazzjoni skorretta.

Anzi minn analizi tad-diversi *log books* esebiti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta bic-car li kien certu Mohamed Elsaka Said li kien qieghed jiffirma dawn il-*log books* u dan fil-kapacità tieghu bhala Kaptan tal-bastiment mertu tal-kawza.

Illi l-Qorti tirrimarka li tali *log book* ghandu jinzamm aggornat sabiex l-awtoritajiet pubblici jkunu jistghu josservaw li mhux qieghed isir xi tip ta' bejgh illecitu. Di fatti referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 13 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"**Kaptan** [1]ma jistax, abbord bastiment tas-sajd, fl-ibhra tas-sajd, izomm jew ihalli li jinzamm hut li ma jkunx ittiehed skont licenzja tas-sajd jew permess tas-sajd provduti skont dan l-Att jew f'ammont li jiskorri dak li jippermettu r-regolamenti ghall-protezzjoni ta' stocks ta' hut."*

Illi referenza qieghda ssir ukoll ghall-Artikolu 30(5) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta:

[1] Emfazi tal-Qorti

*"**Kull kaptan**[2] li jittrasborda, jircievi abbord bastiment tas-sajd, igorr jew b'xi mod iehor jittratta dwar hut maqbud jew trasbordat bi ksur ta' dan l-Att ikun hati ta' reat."*

Illi ghalhekk minn qari okkurat tal-artikoli relevanti jidher li l-legislatur ried li l-Kaptan tal-bastiment jassumi iktar responsabbilitajiet u jagixxi bhala *bonus paterfamilias* fix-xoghol ta' sajjied u navigatur tal-istess bastiment. Iregi ghalhekk li r-responsabilità li l-*log book* ta' bastiment jinzamm aggornat taqa' f'id il-Kaptan. Fuq dan il-punt hareg bic-car tramite dawn il-proceduri li l-imputati Andrew u David Debono huma sidien tal-bastiment *Rosnik* u mhux il-Kaptan.

Illi l-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghall-Artikolu 347 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta biex tiggustifika l-fatt li tressqu s-sidien tal-bastiment u cioè l-imputati. Tali artikolu jghid hekk:

*"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, u ghal kull eskluzjoni jew limitazzjoni ohra provduta bil-ligi dwar il-garr ta' merkanzija jew xort' ohra, is-sid ta'*

[2] Emfazi tal-Qorti

*bastiment ikun responsabbli ghall-obbligi kollha kuntratti mill-kaptan dwar il-bastiment, u jkun responsabbli ghal kull danni li jigru b'ghemil jew b'nuqqasijiet fin-navigazzjoni jew fit-tmexxija tal-bastiment."*

Illi dan l-artikolu citat jitkellem dwar obbligi naxxenti mill-kamp civili u mhux kriminali b'hekk allura din il-Qorti tqis li m'ghandhiex tapplika tali provvediment.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 191 tal-istess Kapitolu:

*"Il-kaptan ta' bastiment li dwaru jkun mehtieg gurnal t'abbord ufficjali ghandu jnizzel jew jara li jitnizzlu fil-gurnal t'abbord ufficjali:*

*m) kull haga ohra li skont jew taht dan l-Att jew skont jew taht xi ligi ohra ghandha titnizzel fih."*

Illi di piu' referenza qieghda ssir ghall-Artikolu 192(1) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Jekk gurnal t'abbord ufficjali ma jinzammx hekk kif mehtieg b'dan l-Att, jew jekk xi dhul li skont dan l-Att ghandu jsir fih ma jsirx fiz-zmien u bil-mod kif provdut b'dan l-Att, il-kaptan jehel ghal kull reat il-multa specifika f'dan l-Att jew f'kull ligi ohra msemmija dwaru jew, meta ma jkunx hemm dik il-multa specifika, jehel multa ta' mhux izjed minn ghaxar units."*

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li ma tistax issib lill-imputati hatja tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tmien (8) akkuzi kif dedotti kontrihom.

<u>IKKUNSIDRAT</u>

Illi a rigward ir-reat tal-allegat ksur ta' sigill l-Artikolu 142(1) tal-Kodici Kriminali jistipula hekk:

*"Kull minn jikser sigill imwahhal b'ordni tal-awtorità pubblika, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur."*

Illi l-Qorti tinnota li gie kkonfermat diversi drabi kemm mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kif ukoll mix-xhieda li ressqet id-difiza, li dakinhar li sehh l-allegat reat kien hemm prezenti l-Kaptan tal-bastiment *Rosnik.* Oltre minn hekk referenza qieghda ssir ghax-xhieda moghtija mill-imputat David Debono fejn hu jghid hekk:

*"Dr. Roberto Montalto:* *… Issa f' dawn l-incidenti e li wasslu ghal din il-kawza u cioe ` fejn allegazzjonijiet li ma gewx osservati fost ohrajn xi regolament kemm tas-sajd, jigifieri, ta' kif isir is-sajd jew fejn kellu jsir is-sajd kif ukoll dwar xi dokumentazzjoni li tkun abbord. F'dawn, f'kull wiehed minn dawn l-episodji indikati inti u Andrew Debono fejn kontu?*

*David Debono:* *Jiena ma kontx hemm. Jien ma kontx fuq il-bastiment. Jiena ghandi*

| | |
|---|---|
| *Dr. Roberto Montalto:* | *Qatt ma kont fuq il-bastiment?* |
| *David Debono:* | *Dawk id-drabi zgur li le."* |

Illi meta mistoqsi dwar l-irwol tal-Kaptan tal-bastiment tieghu ikompli jixhed hekk:

| | |
|---|---|
| *"Dr. Roberto Montalto:* | *Mela f' dawn l-incidenti kien hu li kien qed jopera dan il-bastiment?* |
| *David Debono:* | *Iva.* |
| *Dr. Roberto Montalto:* | *Iva kien hu. Issa fil-qosor m'hemmx ghalfejn tidhol f'dettall, e min hu responsabbli ghall-bastiment waqt li qed ibahhar?* |
| *David Debono:* | *Skont l-informazzjoni li ghandi jiena li meta hemm il-Kaptan, il-Kaptan responsabbli. Jien nista' ntih parir.* |

Illi in sostenn ta' dan, ix-xhud Christopher Sciberras jghid hekk fix-xhieda tieghu a fol. 580 tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Dr. Roberto Montalto:* | *Now would I be correct to state that the responsibility of the vessel when sailing falls on its Master?* |
| *Christopher Sciberras:* | *E yes.* |
| *Dr. Roberto Montalto:* | *Yes. Are you in a position to state whether any one of the two accused was the Master on the dates in question?* |
| *Christopher Sciberras:* | *No."* |

Illi ghalhekk jidhrilha lil din il-Qorti li rrizultalha bic-car li huwa l-Kaptan tal-bastiment li ghandu fuqu r-responsabilità li jassigura li ma jitkissirx is-sigill tal-*VMS*. Oltre minn hekk gie ppruvat li l-imputati ma kinux prezenti fuq il-bastiment izda kienu biss prezenti fuq tali bastiment waqt li kienu qeghdin isehhu l-ispezzjonijiet tad-Dipartiment tas-Sajd.

Illi di fatti x-xhud Christopher Sciberras jghid hekk a fol. 581 tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Dr. Roberto Montalto:* | *When th vessel would have landed in Malta. Ok. So e is there any possibility that the inspection would have been conducted in the presence of the owners and not the Captain?* |
| *Christopher Sciberras:* | *E it would have been Captain and the owners."* |

Illi ghalhekk il-Qorti ma hiex sejra ssib htija ta' din l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputati li l-Prosekuzzjoni ma rrnexxilhiex tipprova n-ness bejn dak allegat u l-imputati. Il-Qorti ghadha sa issa ma tistax tifhem kif matul din il-procedura l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' bhala xhud lill-Kaptan tal-bastiment *Rosnik* u dan ghaliex hareg bic-car li hu kien l-uniku xhud li seta' jikkonferma l-kommissjoni tal-allegat reat. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li s-sentenza fil-konfront ta' tali Kaptan hija llum il-

gurnata *res judicata*. Iregi ghalhekk li l-Prosekuzzjoni setghet tressaq lil Mohamed Elsaka Said minghajr ebda biza' li jinkrimina lilu nnifsu.

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li ma tistax issib lill-imputati hatja tar-raba' (4) u d-disa' (9) akkuzi kif dedotti kontrihom.

**IKKUNSIDRAT**

Illi a rigward l-akkuzi li ghandhom x'jaqsmu mal-Avviz Legali 452.08, ghandu jinghad li tali avviz legali gie mhassar permezz tal-Avviz Legali 342 tal-2022.

Illi fuq dan il-punt qed issir referenza ghall-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi."*

Illi din il-Qorti kif diversement preseduta dahlet f'iktar dettall fuq dan il-punt f'sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena 2017 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Saviour Gaffarena et.*** Il-Qorti qalet hekk:

> *"Il-Qorti se tirreferi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Virginia Mifsud****, deciza fit-18 ta' Lulju 1922:*
>
> > *"Attesocche e ` pacifico in dottrina che, fra la legge penale esistente allorche` l'azione illecita venne commessa e quella vigente nel giorno del giudizio, si deve applicare la legge piu ` mite, onde, se, mancando certi estremi che la legge abrogata non richiedeva, cessa il fatto di essere perseguibile secondo la legge nuova, a questa senza esitazione deve attenersi il giudicante, come quella per la quale si favorisce meglio la liberta ` dell'imputato. Si veda "Retroattivita della Legge" di Angelo Olivieri Ni. 216 e 222 (Digesto Italiano); il Gabba quivi citato; Cheaveu et Helie "Teorica del Codice Penale*

*(traduzione diretta del Pessina) Vol. 1 paragrafo 27 pagina 38; Merlin "Repertorio Effetto Retroattivo" paragrafo 11 n. 1; Dalloz: "Repertorio" voce Legge n. 874; Biblioteca del Diritto (versione italiana per cura dello Avvocato Rocca) - Voce Retroattiva delle Leggi paragrafo 13);*

*Hekk ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-21 ta' Frar 1920, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Agostino Bugeja**:*

*"Attesocche nella moderna dottrina circa l'effetto retroattivo delle leggi penali sono principi che piu` non si discutono, e sono anche sanzionati dalla maggior parte delle legislazioni, i seguenti:-*

*1. La legge penale non puo` avere effetto retroattivo, nel senso che nessuno puo` essere punito per un fatto che secondo la legge del tempo in cui fu commesso non era contemplato e punito come reato;*

...

2. *Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` mite di quella stabilita dalla legge vigente al tempo della commissione del reato la prima legge viene applicata retroattivamente*

3. *Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e` piu` severa della legge vigente al tempo della commissione del reato, si giudica secondo quest'ultima legge.*

*Attesocche il nostro Codice Criminale compendia questi ultimi due principi nell'articolo 28, pel quale e` disposto che quando la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era comminata al tempo del reato fossero diverse fra loro, sara` sempre applicata quella di qualita` meno grave.*

*Invero l'interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che,*

*cioe, quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova una azione commessa prima della attuazione della legge nuova ma sottoposta a guidizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi penali che nel confronto apparisca piu` mite, non deve intendersi letteralmente ristretto al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno grave ma di logica e di giustizia deve estendersi anche al caso in cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu` reato: di logica, perche` maggior mitezza puo` dirsi non solo per riguardo a quella legge che commina una pena minore, ma eziandio in riguardo a quella che non ne commina alcuna; di giustizia, perche la legge non puo` contraddire se stessa, per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave a negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu` che diminuire elimini qualsiasi pena"*[3]

[3] Emfazi tal-Qorti

Illi tenut kont tal-kazistika citata, kif ukoll dak li jtenni l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti hija kostretta li tillibera lill-istess imputati mill-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u l-ghaxar (10) akkuzi kif dedotti kontra l-imputati stante li l-Avviz Legali 425.08 gie revokat.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputati **David Debono** u **Andrew Debono** hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom stante nuqqas ta' provi u kwindi tilliberahom minn kull osservanza u piena.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**